MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1082/2005

**Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom tas-socjetajiet esteri Intrigue Shipping Inc. u Novoship S.A.**

**vs**

**Ir-Registratur tas-socjetajiet u Keith Micallef gia stralcjarju ta' Yuryev Shipping Limited (C15991)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur nomine fl-14 ta' Novembru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-atturi kienu l-unici socji fis-socjeta' marittima Maltija Yuryev Shipping Limited li giet registrata fl-10 ta' Marzu, 1994 bin-numru ufficcjali 15991;

Permezz ta' risoluzzjoni straordinarja tas-17 ta' Novembru, 2003 mehuda mis-socji tal-imsemmija socjeta' Yuryev Shipping Limited gie unanimament deciz li l-istess socjeta' tigi xljolta u titqieghed fi stat ta' stralc u ghan dan il-ghan gie nominat Keith Micallef bhala stralcjarju;

L-imsemmija socjeta' Yuryev Shipping Limited giet debitament likwidata u mhassra mir-registru tal-kumpaniji skond kif jirrizulta mill-anness certifikat mahrug mir-Registratur tas-Socjetajiet b'effett mill-15 ta' April, 2005 u dan wara li l-istess azzjonisti approvaw ir-rendikont tas-socjeta' flimkien mal-progett ta' tqassim permezz ta' risoluzzjoni straordinarja mehuda fit-3 ta' Dicembru, 2003;

*In segwitu* tat-thassir tal-imsemmija socjeta' irrizulta illi dik ir-risoluzzjoni straordinarja li permezz taghha kien gie approvat ir-rendikont tas-socjeta' msemmija flimkien mal-progett ta' tqassim, kienet wahda mehuda bi zball billi ma ttiehdet l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt illi l-istess socjeta' Yuryev Shipping Limited ghandha jedd ossia pretensjoni ta' danni fil-konfront ta' ditta bl-isem Jackson Parton u li *in effetti* kienu nbdew proceduri quddiem il-Qrati Inglizi fit-2 ta' Lulju, 2004 kif jirrisulta mill-kopja tal-atti ta' dawn il-proceduri li huma appuntati ghas-smiegh fil-21 ta' Novembru, 2005; ghalhekk dan id-dritt ossia pretensjoni li kienet qed tivvanta l-imsemmija socjeta' fil-konfront tad-ditta Jackson Parton, li kellu jigi rifless fl-attiv tal-imsemmija socjeta', ma giex kunsidrat, likwidat u mqassam;

Fic-cirkostanzi attwali l-proceduri pendenti quddiem il-Qrati Inglizi ma jistghux jimxu 'l quddiem minghajr ma qabel terga' titqieghed fuq ir-registru tas-socjetajiet s-Yuryev Shipping Limited;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi konsegwenza ta' zball, ix-xoljiment, stralc u thassir tas-socjeta' Yuryev Shipping Limited mir-registru ta' socjetajiet ma jiswiex billi ma ttehidx *in konsiderazzjoni* jedd ossia pretensjoni ta' danni illi l-istess socjeta'

ddeduciet fil-konfront tad-ditta estera Jackson Parton fil-Qrati Inglizi, liema proceduri ghadhom pendenti;

2. Thassar il-proceduri kollha li wasslu ghax-xoljiment, stralc u thassir ta' l-isem tas-socjeta' Yuryev Shipping Limited mir-registru u thassar ukoll ir-rizoluzzjonijiet dwar hekk li hadu l-azzjonisti atturi f'dawn il-proceduri;

3. Tordna lill-konvenut Registratur tas-socjetajiet jerga' iqieghed l-isem ta' Yuryev Shipping Limited fuq ir-registru sabiex din terga' tinghata l-hajja daqs li kieku x-xoljiment taghha qatt ma sar.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti biex jidhru personalment *in subizzjoni.*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tas-Socjetajiet li *in forza* taghha ecepixxa illi:

*In kwantu* ghall-meriti fattwali tal-kawza, peress li l-konvenut m'huwiex edott mill-fatti kollha dikjarati mill-attur, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti u ghall-provi.

*In kwantu* ghat-talbiet kif maghmula mill-attur dawn huma infondati fid-dritt peress li s-socjet'a kummercjali Yuryev Shipping Limited (C15991) giet xjolta (*"dissolved"*) fis-17 ta' Novembru, 2003, u giet kancellata (*"struck off"*) mir-Registru tas-Socjetajiet fil-15 ta' April, 2005 that il-provvediment ta' l-Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali. Illi fil-fatt din s-socjeta' hija regolata mill-Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali u mhux mill-Att Dwar il-kumpanniji 1995 (Kap. 386). Illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Ordinanza li jipprovdi ghar-revoka tal-proceduri kollha li taw lok ghax-xoljiment, l-istralc u l-kancellament tas-socjeta' jew li jippermetti li l-imsemmija socjeta' kummercjali tista' terga' tigi ravvivata wara li kienet kancellata minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet.

*Inoltre* u bla pregudizzju ghas-suespost il-gudizzju mhux integru *stante* li wiehed mill-legittimi kontradditturi kellu jkun Anton Checuti Ganado li kien l-awditur tal-

*“Liquidation Accounts”* tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited.

Il-konvenut Registratur jikkontesta it-talba ta’ l-attur li x-xoljiment tal-kumpannija jigi kkancellat daqs li kieku d-decizjoni li ttiehdet mill-kumpannija stess qatt ma kienet saret. Dan ghaliex fl-ewwel lok meta persuna legali bhal ma hi kumpannija tkun giet kancellata minn fuq ir-Registru, dan ifisser illi l-ezistenza taghha tkun spiccat u ghalhekk ma tistax terga tinghata l-hajja semplicement ghax ikun sar zball. Fit-tieni lok ghaliex jekk it-talba ta’ l-attur tigi milqugha u l-kumpannija tinghata d-dritt li terga lura ghall-istat li kienet tinsab fih qabel ma xoljiet, allura jista’ jinghata lok ghall-abbuz, ghax b’hekk meta kumpannija jkun jaqblilha, din ixxolji, filwaqt li jekk ikun fl-interess taghha li terga’ lura ghall-istat li kienet fih qabel, dan hi tkun tista’ taghmlu, anki repetutament, minghajr ebda provvediment specifiku fil-ligi u possibilment b’danni ghall-interessi ta’ terzi li r-Registratur marbut li jhares.

Madankollu, jekk il-Qorti thoss li f’dan il-kaz ghandha taghti xi forma ta’ rimedju, dan ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta’ gustizzja u pratticita’ u kemm il-darba ma jsitax jigi pprovdut rimedju iehor. Tali rimedju ghandu jkun wiehed eccezjonali u straordinarju u ghandu jigi espressament deskritt u akkordat bhala tali u b’kundizzjonijiet sabiex ma jigux pregudikati terzi persuni.

Tali rimedju zgur li m’ghandux iwassal ghall-mizura sproporzjonata li jithassar anke ix-xoljiment tas-socjeta’.

Dan ir-rimedju m’ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta’ traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta’ socjetajiet kummercjali.

F’dan il-kaz il-konvenut Registratur m’huwiex jikkontesta l-possibilita’ li jerga’ jinfetah mill-gdid il-progett ta’ tqassim (*“scheme of distribution”*) jekk il-Qorti jidhrilha li tista’ u ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi specjali tal-kaz.

Kwalunkwe ftuh mill-gdid ta’ dan il-progett ghandu jsir biss sabiex tittiehed *in konsiderazzjoni* il-kawza pendenti

quddiem il-Qrati Inglizi u sabiex ikun jista’ jigi nkluz fil-progett ta’ tqassim tas-socjeta’ xi assi jew pretenzjoni ta’ assi li tista tiehu s-socjeta’ Yuryev Shipping Limited bhala rizultat pozittiv ta’ din il-kawza, jekk ikun il-kaz. B’hekk, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq ikun jista’ jigi sanat zball li sar mill-istess socjeta’ u ghall-ebda skop iehor, u sussegwnetament jerga’ jigi mhassar definittivament l-isem taghha mir-Registru tas-Socjetajiet.

Kemm il-darba l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju eccezzjonali, ghandhom jigu stabbiliti perjodu u proceduri *ad hoc* u precizi biex l-istralcjarju u l-membri tas-socjeta’ *in kwistjoni* jikkonkludu l-passi kollha mehtiega sabiex jittiehed *in konsiderazzjoni* l-assi jew pretensjoni ta’ assi li kien inqabez bi zball, sabiex tali assi jigu integrati fil-progett ta’ tqassim tas-socjeta’. B’hekk ir-Registratur tas-Socjetajiet fil-funzjoni pubblika tieghu jkun jista’ jipprocedi ghat-thassir definittiv tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited mir-Registru tas-Socjetajiet u tigi assikurata certezza dwar l-istatus tas-socjeta’ u l-affarijiet ma jitwalux minghajr bzonn.

Peress li dan il-kaz jirrizulta unikament minn zball ta’ l-atturi, kif dikjarat mill-atturi stess, il-konvenut Registratur joggezzjona ghat-talba dwar l-ispejjez u m’ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma’ dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-konvenut Keith Micallef, ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, naqas li jressaq nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-affidavits ippresentati bhala prova;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-kumpannija Yuryev Shipping Limited kienet socjeta' irregistrata hawn Malta fl-10 ta' Marzu, 1994. Permezz ta' rezoluzzjoni straordinarja tas-17 ta' Novembru, 2003, is-socji ddecidew li jxolju l-kumpanija u jqieghduha fi stat ta' stralc. Inhattar il-konvenut Keith Micallef bhala stralcjarju u Anton Chetcuti Ganado bhala awditur. L-istralcjarju ha konjizzjoni tad-dokumenti tal-kumpanija li kienu gew ipprezentati lilu, ezamina l-kotba tal-kumpanija, u hejja progett ta' tqassim ghall-approvazzjoni tal-azjonisti. Dan il-progett ta' tqassim gie approvat mill-azjonisti permezz ta' risoluzzjoni straordinarja mehuda fit-3 ta' Dicembru, 2003. Il-kumpanija giet sussegwentement mhassra mir-registru tal-kumpanija b'effett mill-15 ta' April, 2005, u dan wara talba li saret ghaldaqshekk mil-likwidatur tal-kumpannija.

Irrizulta li fit-2 ta' Lulju, 2004, l-istess socjeta' Yuryev Shipping Ltd kienet fethet procedura legali quddiem il-Qrati Inglizi kontra d-ditta Jackson Parton ghad-danni konsegwenza ta' pariri allegatament zbaljati moghtija minn din id-ditta fi proceduri ta' arbitragg gewwa Londra li fihom dik is-socjeta' kellha interess; jidher li l-pretensjoni tas-socjeta' tista' tkun ta' Lstg 340,000. Minhabba malintizz bejn id-diversi dipartimenti tal-istess socjeta', il-likwidatur tal-kumpanija hawn Malta ma giex avvzat bil-pendenza tal-proceduri fl-Ingilterra, u l-process ta' likwidazzjoni u thassir tal-kumpanija thalla jipprocedi inatez il-proceduri inglizi. Jidher ukoll li anke bejn l-Avukati Maltin tal-kumpanija u d-dirigenti taghha kien hemm, f'xi zmien, nuqqas ta' ftehim u komunikazzjoni, bir-rizultat li l-process tat-thassir tal-kumpanija ma giex imwaqqaf.

L-atturi, li kienu l-azzjonisti tal-kumpanija, qed jitolbu issa illi l-istess kumpanija tigi ravvivata sabiex il-kumpanija tkun tista' tissokta bil-proceduri quddiem il-Qrati Inglizi.

Hemm qbil li din is-socjeta' partikolari hija regolata mill-Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali, u mhux mill-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Hawn fatt ukoll illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Ordinanza li jipprovdi ghar-revoka tal-proceduri li jwasslu ghal-kancellament tas-socjeta' minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.

Dan premess, ma jfissirx li l-Qrati ma pprovdux rimedju fil-kazijiet fejn dehrilhom li jkun gust u ekwu li jinghata rimedju opportun. Din il-Qorti, fil-kawza <u>"Abela noe et vs Cachia et"</u>, decisa fl-20 ta' Marzu, 2003, kienet ezaminat il-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna u kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijet:

*"Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f'din il-kawza fit-28 ta' Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta' "struck off" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F'decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet"</u> fid-9 ta' Ottubru, 1979, kien gie deciz li, fil-ligi taghna, ma kienx possibli li socjeta' li tkun giet dissolved tgi risucitata. Maz-zmien, pero', jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata funditus minn din il-Qorti fil-kawza <u>"Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjetajiet"</u>, deciza fit-22 ta' Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta' <u>Gower</u>, hemm kwotat, li "A contrast between the death of an individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected"*.

*Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza <u>"Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe"</u> deciza fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista' fl-interess tal-kredituri, terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji avolja tkun giet imhassra.*

*Il-possibilita' li kumpanija mhassra terga titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Barbara vs El-Ferghani"</u>, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn gie deciz li jekk amalgamazzjoni ta'*

*zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu l-istat taghhom”*

Accettati dawn il-principji, din il-Qorti taqbel mal-hsibijiet espressi mill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet, fis-sens li l-ravvivar ta’ kumpanija m’ghandhix tigi facilment accettata. Irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin u m’ghandux jinghata lok ghall-abbuz jew xi forma ta’ kolluzzjoni bejn il-partijiet interessati. Azjonisti f’socjeta’ m’ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta’ kumpanija b’mod legger, b’idea li jekk il-quddiem jinqala’ xi haga, il-kumapnija tigi ravvivata. F’kaz ta’ agir manifestament traskurat jew f’kaz ta’ evidenza ta’ nuqqas ta’ serjeta’ *da parti* tal-azjonisti, il-Qorti m’ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta’ min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem, f’kazijiet ta’ pregudizzju ghall-interessi ta’ terzi. Sakemm m’hemmx pregudizzju ghall-terzi, darba kumpanija tigi mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanija, iridu jirrizultaw cirkustanzi genwini u eccezzjonali, u mhux rizultat ta’ semplici negligenza *da parti* tal-azzjonisti, qabel ma’ kumpanija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m’ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta’ traskuragini jew negligenza kommessi matul l-istralc ta’ socjetajiet kummercjali.

F’dan il-kaz jirrizulta li l-azzjonista Novoship S.A., li ghandha l-*Head Office* taghha gewwa Novorossiysk, kienet inzjat il-proceduri tal-*winding-up* u kien certu Alexander Agaev li kien qed jiehu hsieb dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra, il-proceduri f’Londra kienu segwiti minn Vladimir Hikhaylyuk, u, f’dik l-epoka, kien hemm risenji u bdil tad-diretturi u ufficcjali orha, b’mod li dak li kein qed isir mill-kumpannija ma kienx qed jigi koordinat. Kien biss tard fiz-zmien li s-Sur Mikhaylyuk informa lis-Sur Agaev bil-proceduri li kienu qed jittiehdu f’Londra, u anke hawn, ebda parti ma’ apprezzat il-konsegwenzi tal-istralc fuq il-proceduri inglizi. Kien biss meta s-socjeta’ giet mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanija, u wara li l-Avukati tad-ditta Jackson Parton intimaw li l-proceduri inglizi ma setghux jitkomplew, li l-effett legali ta’ dak li sehh gie apprezzat.

Il-Qorti tara element ta' traskuragini fil-mod ta' kif l-azzjonista Novoship hadet hsieb l-affarijiet taghha, *pero'*, tqies li dak li gara kien zball genwin, indott ukoll mill-fatt li, f'epoka importanti, kien hemm risenji u bdil ta' diversi ufficcjali tal-kumpanija li riedu *"to take stock"* tas-sitwazzjoni. Kien hemm, veru, nuqqas ta' komunikazzjoni interna, *pero'*, fid-dawl ta' kif svolgew l-affarijiet, il-Qorti thoss li, f'dan il-kaz, kien hemm il-*bona fede* u ghandu jinghata rimedju biex ma tintilifx il-pretenzjoni li s-socjeta' Yuryev Shipping Ltd qed tressaq quddiem il-Qrati inglizi u din tkun tista' titkompla tigi mistharga.

Il-Qorti ma jidhirlix li ghandha thassar ir-rizoluzzjoni mehuda fis-17 ta' Novembru, 2003, li *in forza* taghha gie deciz li l-kumpanija tigi xolta. Il-kumpanija Yuryev Shipping ghandha titpogga fi stat ta' stralc, u Keith Micallef konfermat bhala likwidatur. Il-Qorti sejra thassar il-progett ta' tqassim approvat permezz ta' risoluzzjoni straordinarja mehuda fit-3 ta' Dicembru, 2003, u t-thassir tal-kumpanija minn fuq ir-registru tal-kumpaniji. Dan ir-*re-istatement* tal-kumpanija u l-ftuh mill-gdid ta' dan il-progett qed isir biss sabiex tittiehed *in konsiderazzjoni* l-pretensjoni f'dan l-istadju pendenti quddiem il-Qrati inglizi u sabiex ikun jsita' jigi inkluz fil-progett ta' tqassim tas-socjeta' l-assi li tista tiehu s-socjeta' Yuryev Shipping Ltd bhala rizultat pozittiv ta' din il-kawza, jekk ikun il-kaz. Il-Qorti tara wkoll li din il-kawza ghandha tigi differita sabiex il-process tal-istralc, issa li se jerga jinfetah, ma jipperdurax ghal zmien twil, sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet ikun jista' jipprocedi ghat-thassir definittiv tas-socjeta' *in kwistjoni.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u f'dan l-istadju, tiddikjara li t-thassir tas-socjeta' Yuryev Shipping Ltd min fuq ir-registru tal-kumpaniji sar bi zball, u, fil-waqt li tikkonferma r-rizoluzzjoni mehuda fis-17 ta' Novembru, 2003, li *in forza* taghha l-kumpanija giet xolta, thassar il-kancellament tas-socjeta' u tordna li s-socjeta' tigi ravvivata u imqieghda fir-registru tal-kumpaniji bhala fi stadju ta' stralc, tordna wkoll il-ftuh mill-gdid tal-progett ta' tqassim ghal-fini biss biex ikun jista' jigi inkluz fil-progett

ta’ tqassim xi assi li tista’ tiehu s-socjeta’ Yuryev Shipping Ltd bhala rizultat pozittiv tal-proceduri li din is-socjeta’ qed tiehu fir-Renju Unit.  Il-Qorti tiddiferixxi l-kawza ghall-informazzjoni ulterjuri dwar il-progress li sar fl-istralc.

L-ispejjez ta’ din id-decizjoni huma *a karigu* tal-attur nomine.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------